# IL-LUPU RRABJAT



Stampat għall-ewwel darba fl-2021

**Miktub minn:**

**Stephen Camilleri:**
Uffiċjal Edukattiv - Personal, Social and Career Development Subject

**Dunstan Hamilton:**
Uffiċjal Edukattiv - Personal, Social and Career Development Subject

**Disinn u Illustrazzjoni:**
Government Printing Press

**Qari tal-Provi:**
Karl Coleiro

**Stampat:**
Government Printing Press

**ISBN:** 978-99957-929-5-4

**Pubblikatur:**
Directorate for Learning and Assessment Programmes

Kienu saru l-għaxra u nofs. Barra dlam ċappa, ħlief għal xi stilla tittawwal minn wara s-sħab.

Mark kien fil-kamra tiegħu, jitqalleb ’l hemm u ’l hawn fuq is-sodda, taħt il-friex.



"Mela m'għandekx ngħas Mark?" staqsieh il-kelb, b'għajnejn kollha ngħas, waqt li beda jittewweb.

"Ma nistax norqod! Għalxejn qgħadt ngħodd sa mija għax xorta ma rqadtx!" wieġeb Mark.



“Mela trid ngħidlek storja, forsi tgħinek torqod?” offra l-kelb. “... Dik tat-tlett iħnieżer u l-lupu rrabjat.”

“Imma dik diġà nafha l-istorja, naf xi ġralhom għax qrajt l-istorja onlajn is-sena l-oħra!”



“Ara x’qallek! Mela għax tara jew taqra xi ħaġa onlajn bilfors tkun il-verità! Isbaħ din. Temminx kulma taqra!” kompla l-kelb.



“Ħa ngħidlek jien x’ġara eżatt, għax qabel ma int addottajtni jien kont noqgħod fit-triq tagħhom.

**Hemm min jgħid li dawn il-ħnieżer kien jisimhom Browny, Whitey u Blacky waqt li f’postijiet oħra ssib miktub li kien jisimhom Percy, Pete u Prudence.**

**Kulħadd iħarref u jivvinta!**









**Fil-fatt wieħed minnhom konna nsejħulu Margerito, għax kien jiekol il-pizza Margerita f'kull ħin tal-ġurnata.**



It-tieni wieħed konna nsejħulu Gamer għax kien ikun il-ħin kollu jilgħab fuq il-kompjuter, il-mowbajl jew it-tablet, waqt li t-tielet waħda, dik konna nsejħulha Speedy għax kienet sportiva ħafna u dejjem moħħha biex itellaq.





Meta kienu jkunu qed jilagħbu l-logħob fuq il-kompjuter ta' spiss kienu jinku lil Tino Tempesta, il-lupu li kien joqgħod ftit 'il bogħod minnhom.  Tino ma kienx tajjeb ħafna fil-logħob diġitali u kull darba li jitlef kienu jkantawlu...



**Darba minnhom is-Sur Aloysius Tempesto, missier Tino, ra lil Tino jibki u staqsieh x'kien ġara.**

**Tino qal lil missieru li l-ħnieżer kienu joqogħdu jgħajruh u jinkuh onlajn u jwaqqgħuh għaċ-ċajt ma' sħabu l-oħra anki l-iskola.**



**Għalfejn beda jibki Tino?**

---

**Kellu raġun iħossu hekk?**

---

**Għalfejn m'għandek qatt tinki jew tgħajjar lil xi ħadd onlajn u offlajn?**

---

**Is-Sur Aloysius kien irrabjat ħafna u ddeċieda li jpattihielhom. Minflok tkellem ma' xi ħadd l-iskola jew ma' tal-Besmartonline, iddeċieda li jidħol onlajn u jagħmel mezz kif idaħħal lill-ħnieżer ġo nasba.**



**Kellu raġun is-Sur Aloysius ikun irrabjat?**

______________________________________________

**Għamel tajjeb li flok sab l-għajnuna ddeċieda li jpattihielhom hu?**

______________________________________________

**Tafu x'inhu Besmartonline?**

______________________________________________

**U ġara li darba waħda, waqt li t-tlett iħnieżer daħlu fil-websajt fejn kien hemm ħafna logħob tal-kbar, tela' riklam, pop up bil-kliem: INT IRBAĦT.**

**Ikteb l-informazzjoni li qed nitolbuk hawn u wara mur il-bandli ta' ħdejn ir-razzett u staqsi għas-Sur Aloysius Tempesto biex jagħtik ir-rigal li rbaħt.**




**X'għamlu ħażin il-ħnieżer?**

---

**Għalfejn qatt ma għandek tagħti d-dettalji tiegħek onlajn lil xi ħadd li ma tafx?**

---

**Kemm ferħu. Margerito kien qed jispera li kienu rebħu xi pizza, Gamer xi logħba diġitali ġdida, waqt li Speedy bdiet toħlom b'rota ġdida.**



Lil ommhom ma qalulha xejn. Hi lanqas kienet taf li kienu onlajn għax kieku kienet twissihom li messaġġ bħal dan kien jitla' biex iqarraq jew jidħak bik.

Żgur li lanqas kienet tħallihom imorru jiltaqgħu ma' xi ħadd li lanqas biss kienu jafu.




Kieku intom, kontu tmorru?

---

Għalfejn ma għandek qatt tiltaqa' ma' xi ħadd li ma tafx?

---

**It-tlett iħnieżer marru jiġru l-bandli. M'għandniex xi ngħidu, Speedy waslet ħafna u ħafna qabel l-oħrajn... u hemm sabet jistennieha l-lupu l-kbir li kien irrabjat ħafna, ħafna...**



Speedy indunat li din kienet nasba u marret tigri lura lejn id-dar. Lil ħutha għajtitilhom, "Aħarbu, aħarbu, ġej il-lupu biex jaqbadna, ajjuttttttt!"



**Margerito u Gamer malajr kienu bla nifs għax rari  kienu jagħmlu xi sport jew attività fiżika. Kemm xtaqu li kienu kapaċi jgħaġġlu daqs Speedy.**

**It-tlett iħnieżer irnexxielhom jidħlu d-dar, għalqu l-bieb, sakkruh u għalqu t-twieqi kollha wkoll.**



**Kif wasal il-lupu bdew ikantaw:**

**Onfoħ, onfoħ, lupu kattiv**
**onfoħ kemm trid. Jekk hekk int trid**
**imma dari soda ser issib.**
**Ħa ħa ħa, kedda qed nagħtik!**



**Ommhom staqsiethom x'kien ġara u wara ħafna tlaqliq u skużi qalulha l-verità.**

**Kemm irrabjat li kienu bdew jilagħbu onlajn u li kienu qed jinku lil Tino mingħajr ma qalulha. Irrabjat iktar meta saret taf li ħarġu mid-dar jiltaqgħu ma' xi ħadd li ma kinux jafu.**



**Bħala konsegwenza qaltilhom li ma kinux se jilagħbu logħob diġitali għal ġurnata sħiħa.**

**Il-ħnieżer iddeċidew li jużaw il-ħin tagħhom tajjeb. Huma iddeċidew li jilagħbu board games u jagħmlu crafts flimkien. Kienu ser jgħinu fit-tindif tad-dar u jmorru passiġġata twila kuljum, flimkien.**






**Ommhom qaltilhom, "Anki jien, ġejja magħkom, għax l-eżerċizzju tajjeb għal kulħadd." Speedy għoġbitha din tal-aħħar! Gamer ftit inqas għax kien iffissat fuq il-logħob diġitali.**



**Għalfejn importanti li tqassam il-ħin tiegħek tagħmel attivitajiet differenti?**

---

**Inti tagħmel ħafna ħin tilgħab logħob diġitali?**

---

**X'tista' tagħmel biex tibbilanċja bejn dak li tagħmel onlajn u dak offlajn?**

---

**Fil-bidu l-ħnieżer ħasbu li kien se jkun diffiċli għalihom li jagħmlu ġurnata mingħajr ma jilagħbu logħob diġitali imma ħadu gost jagħmlu dawn l-affarijiet l-oħra flimkien u tgħallmu li tajjeb li tvarja l-attivitajiet tiegħek.**



**Kif għedna fil-bidu Gamer kien jagħmel iżjed ħin minn ħuh u oħtu jilgħab logħob diġitali u waqt li kien ikun qed jilgħab kien ukoll jiċċettja ma’ dawk onlajn bħalu.**





**Darba fettillu jistieden lil dawk li kienu onlajn id-dar, meta ommu kienet se tmur twassal lil ħuh u lil oħtu l-lezzjonijiet tal-Mużew.**

**Tino Tempesta staqsa lil missieru s-Sur Aloysius biex iwasslu għand Gamer."**



**Dejjem tkun taf ma' min qed tiċċettja?**

______________________________________________

**X'taħsbu li ġara?**

______________________________________________

**Il-kelb sema’ lil Mark jonħor u raqad hu wkoll. Nispera li ma joħlomx ikrah… bil-lupu l-irrabjat.**



# be SMART ONLINE!

INHOPE

ins@fe

Co-financed by the European Union
Connecting Europe Facility

PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

Foundation for Social Welfare Services
Here for you

MINISTRY FOR SOCIAL JUSTICE
AND SOLIDARITY,
THE FAMILY AND CHILDREN'S RIGHTS

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
DIRECTORATE FOR LEARNING AND ASSESSMENT PROGRAMMES

